



Brussell, 4 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2022/0302(COD)

---

13134/22  
ADD 3

JUSTCIV 122  
JAI 1265  
CONSUM 249  
COMPET 759  
MI 710  
FREMP 201  
CODEC 1407  
TELECOM 391  
CYBER 315  
DATAPROTECT 268

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ģeneralji tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 29 ta' Ottubru 2022

lil: Segretarjat Ģeneralji tal-Kunsill

---

Nru dok. Cion: SWD(2022) 317 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 317 final.

---

Mehmuż: SWD(2022) 317 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.9.2022  
SWD(2022) 317 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**  
**dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi**

{COM(2022) 495 final} - {SEC(2022) 343 final} - {SWD(2022) 315 final} -  
{SWD(2022) 316 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-revijoni tad-Direttiva 85/374/KEE dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti)

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni tal-UE għar-responsabbiltà stretta (jiġifieri responsabbiltà irrispettivament minn nuqqas jew negliżenza – responsabbiltà stretta) tal-produtturi għal dannu kkawżat minn prodotti difettużi. Din tippermetti lil kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet dannu minn prodott difettuż, kemm jekk tkun is-sid kif ukoll jekk tkun persuna fil-qrib, titlob kumpens finanzjarju għal mewta, danni personali jew ħsara lill-proprietà tal-konsumatur.

Filwaqt li tibni fuq is-sejbiet tal-evalwazzjoni<sup>1</sup>, il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ problemi.

- Ċerti prodotti, atturi ekonomiċi u ħsara fl-ekonomija digħitali u ċirkolari jaħarbu r-responsabbiltà stretta.** Id-Direttiva tfasslet ħafna qabel ir-rivoluzzjoni digħi u mħuwiex ċar kif ir-regoli tagħha japplikaw għall-prodotti fl-era digħi, b'mod partikolari s-software u l-prodotti li jeħtieġ software jew servizzi digħi sabiex jiffunzjonaw, bħal apparati intelliġenti u vetturi awtonomi. Lanqas ma huwa ċar minn għandu jkun responsabbli meta prodott li jkun ġie mmodifikat minn rinnovatur jew manifattur mill-ġdid ikun difettuż u jikkawża ħsara. Barra minn hekk, qed isir dejjem aktar komuni għall-konsumaturi li jixtru prodotti minn pajjiżi mhux tal-UE mingħajr ma jkun hemm produttur jew importatur ibbażat fl-UE. Dan ifisser li ma hemm ħadd mingħand minn għandu jintalab kumpens skont id-Direttiva jekk prodott ikun difettuż u jikkawża ħsara.
- Il-konsumaturi jiffaċċċaw ostakli biex jiksbu kumpens.** Jista' jkun diffiċli ħafna għall-vittmi tal-ħsara f'każżejjiet kumplessi li jagħtu prova li prodott huwa difettuż u li d-difett ikkawża d-dannu, bħal ġerti każżejjiet li jinvolvu prodotti li jaħdmu bl-intelliġenza artificijal, prodotti intelliġenti jew farmaċewti. Id-Direttiva ma tagħtix lill-vittmi dritt għal informazzjoni teknika li jista' jkollhom bżonn biex jagħtu prova tar-responsabbiltà, u lanqas ma hemm possibbiltà espliċita li jiġi ffaċilitat l-oneru tal-prova meta l-vittmi jiffaċċċaw diffikultajiet sproporzjonati. Id-Direttiva tqiegħed ukoll restrizzjonijiet fuq kif isiru l-pretensionijiet: il-pretensionijiet għal-ħsara lill-proprietà b'valu ta' inqas minn EUR 500 mhumiex permessi u r-responsabbiltà tal-produttur tintemmin wara 10 snin.

#### X'għandu jinkiseb?

Ir-revijoni tad-Direttiva ssegwi żewġ objettivi ġenerali biex tindirizza l-problemi identifikati, li t-tnejn li huma jibnu fuq dawk tad-Direttiva attwali:

- 1) Tkompli tiżgura l-funzjonament tas-suq intern, il-moviment liberu tal-merkanzija u l-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi tas-suq;
- 2) Tkompli tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha u tal-proprietà tal-konsumaturi.

L-inizjattiva ssegwi ħames objettivi speċifiċi: (i) jiġi żgurat li r-regoli dwar ir-responsabbiltà jkunu jirriflettu n-natura u r-riskji tal-prodotti fl-era digħi; (ii) jiġi żgurat li r-regoli dwar ir-responsabbiltà jkunu jirriflettu n-natura tal-prodotti fl-ekonomija ċirkolari; (iii) jiġi żgurat li dejjem ikun hemm persuna responsabbli bbażata fl-UE għall-prodotti difettużi mixtriha mingħand produtturi barra mill-UE; (iv) jiġi ffaċilitat l-oneru tal-prova fil-każ ta' prodotti kumplessi u tiġi ċċarata r-responsabbiltà għad-difetti li ma jistgħux jiġi skoperti, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-produtturi u l-konsumaturi; u (v) jiġi ffaċilitati r-restrizzjonijiet fuq il-pretensionijiet, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-produtturi u l-konsumaturi.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-prodotti. Billi d-Direttiva tarmonizza bis-sħiħ il-kwistjonijiet li tkopri, kwalunkwe bidla trid issir fil-livell tal-UE. Hija tipprovi ġerteżza legali dwar: (i) liema prodotti, operaturi ekonomiċi u tipi ta' ħsara jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; u (ii) il-bilanċ xieraq tal-interessi bejn il-produtturi u l-konsumaturi madwar l-UE. Fin-nuqqas ta' sett uniformi ta' regoli għall-kumpens lill-vittmi li saritilhom ħsara minn prodotti difettużi, il-manifatturi

<sup>1</sup> Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, [SWD\(2018\)157](#).

jiffaċċjaw 27 sett differenti ta' regoli, li jwasslu għal livelli differenti ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ebda kundizzjoni ekwivalenti fost in-negożi minn Stati Membri differenti.

## B. Soluzzjonijiet

### X'inhuma l-għażliet varji biex jintlaħqu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

Minbarra x-xenarju bażi ta' ebda azzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt tidentika tliet għażliet biex tiġi indirizzata l-problema 1 relatata mal-era digħi u mal-ekonomija ċirkolari, u żewġ għażliet biex tiġi indirizzata l-problema 2 dwar l-ostakli biex jinkiseb kumpens.

L-ġħażla 1a tiżgura li l-manifatturi ta' prodotti li għalihom huma meħtieġa software jew servizzi digħi biex joperaw ikunu responsabbi skont id-Direttiva. Bħal fil-każ ta' komponenti tanġibbi, il-fornituri ta' dawk l-elementi digħi intanġibbi jkollhom obbligazzjoni *in solidum* flimkien mal-manifattur. In-negożi li jidmodifikaw sostanzjalment prodott u jerġgħu jintroduċu fis-suq, bħall-manifatturi mill-ġdid, ikunu wkoll responsabbi skont id-Direttiva. Ir-rappreżtant awtorizzat ta' manifattur mhux tal-UE jkun responsabbi wkoll meta ma jkun hemm l-ebda importatur fl-UE.

L-ġħażla 1b tibni fuq l-ġħażla 1a u, barra minn hekk, tinkludi s-software kollu rilevanti għas-sikurezza bħala prodott fih innifsu. Dan jinkludi software ta' partijiet terzi miżjud ma' prodott jew software awtonomu li huwa stess jista' jikkawża ħsara (bħal software ta' apparat mediku). Skont din l-ġħażla jkun ukoll possibbli li fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni jinżamm responsabbi skont id-Direttiva jekk ma jkun hemm l-ebda importatur fl-UE u ma jinħatar l-ebda rappreżtant awtorizzat minn manifattur mhux tal-UE.

L-ġħażla 1c tinkludi l-miżuri tal-ġħażla 1b u, barra minn hekk, tinkludi kwalunkwe software b'implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali. Dannu li jirriżulta minn ksur tad-drittijiet fundamentali, bħal ksur tal-protezzjoni tad-data, ksur tal-privatezza jew diskriminazzjoni (eż. permezz ta' software ta' reklutaġġ b'intelliġenza artifiċċjali) ikun kumpensabbi.

L-ġħażla 2a tiffaċċilita l-oneru tal-prova fuq il-vittmi tal-ħsara billi tarmonizza: (i) ir-regoli dwar meta l-produtturi jkunu obbligati jiddivulgaw l-informazzjoni teknika meħtieġa lill-vittma fil-qorti; u (ii) il-kundizzjonijiet għall-qrati nazzjonali biex jippreżumu li prodott kien tabilħaqq difettuż jew li d-difett tabilħaqq ikkawża d-dannu, speċjalment f'każijiet kumplessi fejn ikun diffiċċi żżejjed li tingħata prova tar-responsabbiltà. L-ġħażla 2a tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq kif isiru l-pretensionijiet (billi tneħħi l-limitu tal-ħsara lill-proprietà u ttawwal il-perjodu ta' responsabbiltà).

L-ġħażla 2b treġġa' lura l-oneru tal-prova, sabiex b'hekk, jekk prodott jikkawża ħsara jkun il-produttur li jrid juri li l-prodott ma kienx difettuż u ma kkawżax il-ħsara. Id-difiża tar-riskju għall-iż-żvilupp, li teżenta lill-produtturi mir-responsabbiltà meta d-difett ta' prodott ma setax jiġi skopert skont l-ġħarfien l-aktar avvanzat, titneħħa. L-ġħażla 2b tkompli tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq kif isiru l-pretensionijiet (livelli limiti u limiti ta' żmien).

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentika l-għażliet 1b u 2a bħala l-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet.

### X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

B'raba mal-ġħażliet biex tiġi indirizzata l-problema 1, 56 % tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika (minbarra l-membri tal-pubbliku) kien favur bidla leġiżlattiva sabiex ir-regoli dwar ir-responsabbiltà jiġu adattati għall-ekonomija digħi u ċirkolari. Fost il-pubbliku dan il-perċentwal kien ta' 75 %. L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u l-NGOs kien aktar favur intervent akbar (l-ġħażla 1b jew 1c) min-negożji u mill-organizzazzjonijiet tan-negożju. Dawn il-partijiet ikkonċernati fin-negożju kieno partikolarmen xettiċi dwar l-ġħażla 1c, minħabba li qiesu li l-ksur tad-drittijiet fundamentali seta' jiġi kkumpensat skont li ġiġi oħrajn bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u li l-applikazzjoni ta' responsabbiltà stretta għall-produtturi tkun sproporzjonata. Filwaqt li rrikonoxxew in-nuqqas attwali ta' ġertezza legali, il-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw negozji akbar u l-industrija tas-software kien aktar favur l-indirizzar ta' dik il-kwistjoni permezz ta' gwida milli permezz ta' bidla leġiżlattiva. Il-partijiet ikkonċernati minn setturi aktar tradizzjonali (l-ingherjerja, il-fornituri tal-komponenti, l-apparat domestiku) kien favur bidla kawta (l-ġħażla 1a jew 1b).

B'raba mal-ġħażliet biex tiġi indirizzata l-problema 2, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-NGOs kien aktar favur l-ġħażla 2b. Huma qiesu li l-ġħażla 2a ma marritx 'il bogħod biżżejjed biex jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-konsumaturi u l-produtturi. Il-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw in-negożju kien aktar favur l-ġħażla 2a, iżda b'mod ġenerali kieno xettiċi li jagħmlu xi bidla fil-bilanċ eżistenti bejn il-konsumaturi u l-produtturi.

## C. Impatti tal-ġħażla ppreferuta

### X'inhuma l-benefiċċċi tal-ġħażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla 1b tipprovd ġertezza legali dwar liema prodotti u produtturi huma koperti minn responsabbiltà stretta u theggexx lill-produtturi kollha, inklużi l-produtturi mhux tal-UE, biex jintroduċi biss prodotti sikuri fis-suq tal-UE biex jevitaw li jgħarru responsabbiltà. Dan isaħħa is-sikurezza tal-prodotti. Dan jiżgura wkoll li l-konsumaturi jgħad lu l-istess protezzjoni meta ssirilhom ħsara minn prodotti difettużi, irrispettivament minn jekk id-difett kienx jikkonċerna l-komponenti diġitali jew tanġibbli tal-prodott u meta ssirilhom ħsara mis-software awtonomu difettuż innifsu. Billi jidu espliċitament il-fornituri tas-software, in-negozji li jimmodifikaw sostanzjalment il-prodotti, ir-rappreżentanti awtorizzati u l-fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, il-vittmi ta' ħsara sejkollhom ċans aħjar li jiksbu kumpens, minħabba li ma jkollhomx bżonn jagħtu prova tal-ħtija tal-produttur (il-prinċipju ta' responsabbiltà stretta tad-Direttiva). Il-kumpens annwali għall-persuni offiżi huwa mistenni li jiżdied b'bejn EUR 0,15-il miljun u EUR 22,13-il miljun meta mqabbel mal-linjal bażi.

L-għażla 2a toħloq ġertezza legali akbar u tikseb protezzjoni tal-konsumatur aktar ugħalli madwar l-UE. L-oneru tal-prova jiġi kondiviż b'mod aktar ġust bejn il-partijiet offiżi u l-produtturi f'każżejjiet aktar kumplessi. Dan iżid il-possibbiltajiet li tiġi infurzata pretensjoni għal kumpens b'suċċess f'każżejjiet bħal dawn. L-ostakli sproporzjonati biex isiru l-pretenzjonijiet jitnaqqusu. Il-kumpens annwali għall-persuni offiżi huwa mistenni li jiżdied b'bejn EUR 0,20 miljun u EUR 43,54 miljun meta mqabbel mal-linjal bażi.

Bl-estensijni tal-applikazzjoni ta' responsabbiltà stretta, l-għażiż li jidher minn iqsar minħabba li l-qrat ma jkollhomx bżonn jittrattaw kwistjonijiet ta' ħtija jew negliżenza.

### X'inhuma l-kostijiet tal-ġħażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-benefiċċċi ta' żieda fil-kumpens għall-konsumaturi huma kost għall-produtturi. Għat-80 % tal-produtturi li għandhom assigurazzjoni ta' responsabbiltà, dan iwassal għal żieda żgħira fil-primjum annwali tal-assigurazzjoni. Għall-ġħażla 1b, dan huwa stmat li jkun bejn EUR 4,35 miljun u EUR 8,69 miljun meta mqabbel mal-linjal bażi. Għall-ġħażla 2a, dan huwa stmat li jkun bejn EUR 14,35 miljun u EUR 28,71 miljun meta mqabbel mal-linjal bażi. Għall-minoranza tal-produtturi li ma għandhomx assigurazzjoni ta' responsabbiltà, huma jiffaċċċaw ħlasijiet ta' kumpens b'rabta mal-vittmi. Madankollu, sabiex jiġi evitat għadd doppju, dan jitqies fil-benefiċċċi għall-konsumaturi ta' żieda fil-kumpens.

Għalkemm il-proċedimenti legali jkunu iqsar (ara l-benefiċċċi), l-għadd ta' proċedimenti jiżdied ukoll minħabba l-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva. Taħt l-ġħażla 1b, il-kostijiet legali annwali totali huma vvalutati li jiżdiedu bi ffit bejn EUR 1,12-il miljun u EUR 2,75 miljun meta mqabbila mal-linjal bażi. Bl-istess mod, taħt l-ġħażla 2a, il-kostijiet legali annwali totali huma stmati li jiżdiedu bi ffit bejn EUR 0,41 miljun u EUR 1,02 miljun meta mqabbila mal-linjal bażi.

Ir-rappreżentanti awtorizzati u l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni, li jistgħu jinżammu responsabbi meta ma jkun hemm l-ebda importatur ibbaż fl-UE, jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet lill-produtturi mhux tal-UE. Dan jista' jwassal għal żidiet żgħar iżda mhux kwantifikabbli fil-prezzijiet tal-prodotti minn pajjiżi mhux tal-UE. Kwalunkwe żieda fil-prezz tiġi kontrobilanċċata minn żieda fis-sikurezza tal-prodott u fil-protezzjoni tal-konsumatur f'każżejjiet ta' ħsara.

### X'inhuma l-impatti fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u fuq il-kompetittività?

Il-feedback tal-partijiet ikkonċernati ma enfasizza l-ebda impatt speċifiku tal-ġħażiż li politika fuq l-SMEs. Madankollu, l-SMEs jibbenifkaw ħafna minn regoli aktar ċari dwar ir-responsabbiltà, minħabba li għandhom inqas riżorsi għal pariri legali. Iż-żidiet fl-assigurazzjoni ta' responsabbiltà tal-prodotti, anki jekk mistennija jkun żgħar, jistgħu jafteww lill-SMEs aktar milli lil kumpaniji akbar, minħabba li għandhom inqas kapaċità li jassorbu l-kostijiet.

### Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Ma hemm l-ebda kost amministrattiv iġġenerat mid-Direttiva. Ma ġie identifikat l-ebda impatt fuq il-baġits nazzjonali.

### Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

Ma ġie identifikat l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

### Proporzjonalità?

L-azzjoni proposta tindirizza l-objettiv tal-inizjattiva u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex ir-regoli dwar ir-responsabbiltà jiġu aġġornati mal-iżviluppi fl-ekonomija diġitali u ċirkolari u jitnaqqusu l-ostakli biex jinkiseb kumpens.

## D. Segwitu

### Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

II-Kummissjoni se tħejji rieżami tad-Direttiva riveduta 6 snin wara d-dħul fis-seħħha.